

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal de Justiça – il-Portugall) – Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida SA vs LP

(Kawża C-263/22 ⁽¹⁾, Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – L-Artikoli 3 sa 6 – Kriterji ta' evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali – Rekwiżit ta' trasparenza – Kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp – Invalidità permanenti tal-konsumatur – Obbligu ta' informazzjoni – Nuqqas ta' komunikazzjoni ta' klawżola ta' limitazzjoni jew ta' esklużjoni mill-kopertura tar-riskju assigurat)

(2023/C 205/20)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal de Justiça

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ocidental – Companhia Portuguesa de Seguros de Vida SA

Konvenut: LP

fil-preżenza ta': Banco Comercial Português SA, Banco de Investimento Imobiliário SA

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqrija fid-dawl tal-għoxrin premessa ta' din id-direttiva,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

konsumatur għandu dejjem ikollu l-possibbiltà li jsir jaf, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, bil-klawżoli kollha li dan tal-aħħar ikun fih.

- 2) L-Artikolu 3(1) u l-Artikoli 4 sa 6 tad-Direttiva 93/13

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

meta klawżola ta' kuntratt ta' assigurazzjoni dwar l-esklużjoni jew il-limitazzjoni tal-kopertura tar-riskju assigurat, li l-konsumatur ikkonċernat ma setax ikun jaf biha qabel il-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, hija kklassifikata bħala inġusta mill-qorti nazzjonali, din il-qorti hija obbligata teskludi l-applikazzjoni ta' din il-klawżola sabiex din ma tipproduċi effetti vinkolanti fil-konfront ta' dan il-konsumatur.

⁽¹⁾ ĠU C 276, 18.7.2022.